

Brussell, 11 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5081/22

ECOFIN 13
UEM 7
SOC 7
EMPL 6
COMPET 3
ENV 5
EDUC 4
RECH 6
ENER 4
JAI 10
GENDER 3
ANTIDISCRIM 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-verżjoni ta' wara l-KEF u l-EWG ta' Nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Nota ta' spjegazzjoni

*- Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill
dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2022*

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsimha "Djalogu ekonomiku", jgħid li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward tar-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-semestru Ewropew, li dwarha l-Kummissjoni mhux qed taqbel.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

EAR 3

Test tal-Kummissjoni:

[...] tippromwovi allokkazzjoni effiċjenti ta' kapital u investimenti transkonfinali. [...]

Test maqbul:

[...] tippromwovi allokkazzjoni effiċjenti ta' kapital fl-ekonomija reali u investimenti transkonfinali.
[...]

Spjegazzjoni:

Il-bidla tiċċara l-fokus tar-rakkomandazzjoni 3, li hija ċċentrata fuq l-ekonomija reali, filwaqt li kwistjonijiet relatati mas-settur bankarju u l-allokkazzjoni tal-kapital f'dak il-kuntest huma koperti fir-rakkomandazzjoni 5.